

# PARLAMENT EWROPEW

2004



2009

*għall-Kumitat għall-Baġit*

6.3.2007

PROVIŻORJU  
2007/2017(BUD)

## ABBOZZ TA' RAPPORT

dwar l-istrateġija tal-politika annwali tal-Kummissjoni għall-proċedura tal-baġit 2008  
(2007/2017(BUD))

Taqsimha III – Kummissjoni

Kumitat għall-Baġit

Rapporteur: Kyösti Virrankoski

**WERREJ**

**Paġna**

MOZZJONI GĦAL RIŻOLUZZJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW **Error! Bookmark not defined.**

## MOZZJONI GĦAL RIŻOLUZZJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW

### dwar l-istrateġija tal-politika annwali tal-Kummissjoni għall-proċedura tal-baġit 2008, Taqsima III – Kummissjoni (2007/2017(BUD))

*Il-Parlament Ewropew,*

- wara li kkunsidra l-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Regġuni - Strateġija Politika Annwali għall-2008 (COM(2007)0065),
  - wara li kkunsidra l-Ftehma Interistituzzjonali tas-17 ta' Mejju 2006 bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni dwar id-dixxiplina baġitarja u t-titjib fil-proċedura baġitarja<sup>1</sup>,
  - wara li kkunsidra l-Artikolu 112(1) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
  - wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Baġits u l-opinjoni jiet tal-Kumitati l-oħra kkonċernati (A6-◀0000/2007▶),
- A. billi l-baġit ta' l-UE għall-2008 ser ikun it-tieni wieħed li jsir ftehim dwaru fil-qafas tal-Ftehma Interistituzzjonali (IIA) dwar id-dixxiplina baġitarja u ġestjoni finanzjarja soda li qablu dwarha fis-17 ta' Mejju 2006,
- B. billi l-baġit għall-2008 ser ikun l-ewwel wieħed li jsir ftehim dwaru bir-Rumanija u l-Bulgarija bħala membri ta' l-UE,
- C. billi l-proċess ta' globalizzazzjoni jibqa' miexi, bl-opportunitajiet u l-isfidi fl-isferi ekonomiċi, soċjali u ambjentali kollha tiegħu jistennew; billi l-baġit għall-2008 irid jiżgura li l-UE tibqa' f'pożizzjoni li tibbenefika minn opportunitajiet u li tiffaċċja l-isfidi tal-globalizzazzjoni permezz ta' kombinazzjoni xierqa ta' politiki interni u esterni li jħarsu 'l quddiem,
- D. billi l-2007 ser tkun l-ewwel sena ta' l-implimentazzjoni ta' ħafna programmi ta' infiq ġodda ta' l-UE għall-perjodu tal-programm finanzjarju 2007-2013, wara l-adattament ta' ħafna bażijiet legali ġodda waqt l-2006; billi dejta dwar l-implimentazzjoni ser tipprovdi informazzjoni importanti rigward l-effettività ta' l-infiq ta' l-UE,

#### ***Kuntest politiku***

1. Jirrimarka li l-baġit għall-2008 ser jiġi ppreparat, ippreżentat u dibattut fi sfond tal-50 anniversarju mill-firma tat-Trattat ta' Ruma u pass ġdid biex ikun hemm progress dwar it-Trattat Kostituzzjonali; jinnota li s-sena 2007 ser tara l-bidu tax-xogħol preparatorju għar-reviżjoni ta' nofs it-term tal-qafas finanzjarju plurijennali ta' l-2007-2013 (MFF), jinnota wkoll ir-riżoluzzjoni tiegħu ta' - - ta' Marzu 2007 dwar is-sistema ta' l-Unjoni għar-riżorsi tagħha stess;
2. Jenfasizza l-importanza li jagħti lill-kapaċità ta' l-UE b'27 membru li tkompli tibbenefika mill-opportunitajiet tal-globalizzazzjoni u li tmexxi azzjoni internazzjonali billi tilqa' l-

---

<sup>1</sup> ĠU C 139, 14.6.2006, p. 1.

isfidi li tippreżenta l-globalizzazzjoni; jirrimarka f'dan il-kuntest l-importanza li jkun żgurat li l-UE għandha r-riżorsi finanzjarji u umani neċessarji biex tiżgura l-funzjonament xieraq ta' l-istituzzjonijiet ta' l-UE;

3. Jinnota l-proposti indikati mill-Kummissjoni taħt it-titoli prosperità, solidarjetà, sigurtà u projezzjoni esterna; jikkunsidra li, f'hafta każijiet, bħall-qasam tal-politika għall-enerġija u tal-bidla fil-klima, dawn il-proposti huma eżempju ta' approċċ aktar flessibbli mill-UE biex tittratta l-isfidi reali li s-soċjeta Ewropea qed tiffaċċja, kemm minn ġewwa kif ukoll minn barra;
4. Madankollu jfakkar li din ir-riżoluzzjoni tistabbilixxi l-għanijiet tal-Parlament Ewropew fir-rigward tal-proċedura baġitarja li ġejja; jistenna li jara li tittieħed konsiderazzjoni dovuta għal din ir-riżoluzzjoni fl-abbozz tal-baġit preliminarju għall-2008 (PDB); jenfasizza li l-inizjattivi varji pproposti mill-Kummissjoni fl-ASP ta' l-2008 għandhom jiġu kkunsidrati fil-kuntest tal-programmi ta' infiq li ntlaħaq ftehim dwarhom dan l-aħħar u tal-prijoritajiet politiċi li jsewdu l-pakketti finanzjarji ġenerali miftehma għall-2007-2013 MFF f'IIA tas-17 ta' Mejju 2006; jitlob livell oġġha ta' koerenza bejn il-kalendarji annwali leġislattivi u baġitarji;

***Baġit għal riżultati – preżentazzjoni trasparenti, għanijiet ċari, implimentazzjoni bir-reqqa***

5. Jenfasizza l-importanza li jagħti lill-programmi ta' nfiq ta' l-UE li jwasslu sabiex jintlaħqu l-oġġettivi politiċi li għalihom ġew illeġislati; jikkunsidra li t-twassil tal-politika, u evidenza ċara tagħha, hi fundamentali għal-leġittimità ta' l-UE f'għajnejn iċ-ċittadini tagħha; għalhekk jisħaq l-intenzjoni tiegħu biex lill-ħidma tiegħu fuq il-baġit għall-2008 jagħtiha l-filosofija ta' "*baġit għal riżultati*";
6. Bħala l-ewwel pass lejn baġit għal riżultati, jenfasizza l-importanza ta' ċarezza, konsistenza u trasparenza fil-preżentazzjoni tal-baġit; jappoġġja l-approċċ ta' bbaġitjar ibbażat fuq attivitajiet (Activity-based budgeting – ABB), li jimmira li jqabbel riżorsi finanzjarji u umani ma' għanijiet politiċi skond l-oqsma politiċi ta' l-infiq tal-Kummissjoni; jinnota li n-nomenklatura ta' l-ABB mhix faċli li wieħed jirrikonċiljaha mal-kategoriji ta' l-intestaturi ta' l-MFF; jiddispaċih ukoll li l-klassifikazzjonijiet ta' l-APS ta' *prosperità, solidarjetà, sigurtà, u projezzjoni esterna* jirrapreżentaw it-tielet sistema ta' klassifikazzjoni li jista' ma jkollhiex kwalunkwe valur ewlieni ieħor minn prospettiva baġitarja u wieħed ma jkunx jista' jirrikonċiljaha b'mod faċli mal-kategorizzazzjonijiet ta' l-ABB u ta' l-MFF; jitlob lill-Kummissjoni biex tirrispetta aktar mill-qrib l-istrutturi ta' l-ABB u ta' l-MFF;
7. Jikkunsidra li d-Dikjarazzjonijiet ta' l-Attivitajiet magħmula mill-Kummissjoni għal kull qasam ta' politika fil-PDB jikkonstitwixxi element ewlieni fis-superviżjoni effettiva ta' l-infiq ta' l-UE mill-Awtorità Baġitarja; jenfasizza li jekk l-għanijiet tal-politika m'humix ċari, evalwazzjoni effettiva tal-politika hi impossibbli; jitlob titjib fiċ-ċarezza ta' preżentazzjoni ta' dawn d-Dikjarazzjonijiet ta' l-Attivitajiet fil-PDB għall-2008; jitlob li tingħata aktar attenzjoni għall-għanijiet tal-politika u għall-kejl tar-riżultati tal-politika u inqas informazzjoni dwar il-proċess amministrattiv mhux bħalma hafta drabi kien il-każ qabel fid-dokumenti PDB;
8. Jenfasizza l-importanza tal-moniteragg ta' l-implimentazzjoni tal-baġit bħala għodda għall-eżami tat-twassil tal-politika; jilqa' b'sodisfazzjon t-titjib riċenti fil-proviżjoni

tad-dejta dwar l-implimentazzjoni mill-Kummissjoni, u b' mod partikulari s-sistema tal-“Budget Forecast Alert”; jinnota li ċifri ta' l-implimentazzjoni għall-ewwel sena ta' infiq tal-programmi l-ġodda għall-2007-2013 ser jiġu disponibbli matul l-2007; jikkunsidra li din l-informazzjoni tista' tiġi utli biex wieħed ikompli jibni fuq l-approċċ tal-valur għal flus, elaborat fil-ħidma tiegħu fuq il-baġit għall-2007;

### ***Riżorsi umani – allokazżjoni xierqa, responsabilità personali, esternalizzazzjoni mmoniterjata***

9. Hu ħafna tal-parir li sistema amministrattiva effettiva għall-Unjoni Ewropea trid tkun mgħammra bl-ammont ta' riżorsi meħtieġ; ifakkar fl-appoġġ tiegħu għal numru ta' elementi għall-approċċ tal-Kummissjoni għall-kwistjoni tar-riżorsi amministrattivi matul il-proċedura tal-baġit ta' l-2007; jistenna b'interest ir-riżultati ta' l-eżerċizzju ta' skринing li qed isir mis-servizzi tal-Kummissjoni fuq il-bżonnijiet ta' l-istaff għal perjodu ta' żmien medju reali tal-Kummissjoni li għandhom jiġu ppreżentati fit-30 ta' April 2007;
10. Jilqa' b'sodisfazzjon aktar indikazzjonijiet fl-APS ta' l-2008 ta' l-isforzi tal-Kummissjoni biex iddawwar ir-riżorsi umani tagħha lejn prijoritajiet politiċi imma jirrifjuta l-preżentazzjoni ta' dawn il-prijoritajiet skond l-intestaturi prosperità, solidarjetà, sigurtà, u projezzjoni esterna; għalhekk jitlob lill-Kummissjoni biex fil-PDB tfassal b' mod ċar, skond l-istruttura ta' l-ABB, aktar informazzjoni rigward il-politika tar-riżorsi umani u ta' l-istrateġija ta' l-organizzazzjoni mill-ġdid għall-2008, b'kunsiderazzjoni tar-riżultati ta' l-eżerċizzju ta' l-iskринing;
11. Jikkunsidra li r-responsabilità personali ta' l-uffiċjali ta' l-UE hi element importanti ta' l-approċċ ta' l-ABB; jinnota li aktar xogħol jista' jkun neċessarju biex jiġu ċċarati xi ktajjen ta' responsabilità fi ħdan l-istituzzjonijiet ta' l-UE; jikkunsidra li din il-kwistjoni hi ta' importanza partikulari fid-dawl ta' aktar tendenza lejn “esternalizzazzjoni” tax-xogħol ta' l-implimentazzjoni lil aġenziji eżekuttivi u lil korpi oħra ad hoc;
12. Hu mħasseb li l-ħolqien ta' aġenziji eżekuttivi u korpi oħra ad hoc jista' jwassal għal żieda fin-numru ta' uffiċjali ta' l-UE u aġenti kuntrattwali, sakemm fid-Direttorat Ġenerali tal-Kummissjoni rilevanti jitnaqqsu l-postijiet biex jagħmlu tajjeb għaż-żieda, u għal dgħjufija tas-superviżjoni ta' l-amministrazzjoni ta' l-UE; jitlob lill-Kummissjoni biex fil-PDB għall-2008 tispjega kif il-postijiet mitluba minn aġenziji eżekuttivi ġodda u korpi oħra ad hoc ser jagħmlu tajjeb għat-tnaqqis fid-Direttorat Ġenerali responsabbli; jitlob ukoll lill-Kummissjoni biex tindirizza l-kwistjoni ta' superviżjoni xierqa ta' l-aġenziji eżekuttivi u ta' korpi oħra ad hoc, fil-PDB għall-2008 sabiex tiġi żgurata responsabilità demokratika;

### ***Qafas finanzjarju – ipprogrammar, marġini, front- u back-loading***

13. Jenfasizza li l-pakketti finanzjarji ġenerali għall-MFF ta' l-2007-2013 huma dawk li hemm stipulat fl-Anness I ta' IIA tas-17 ta' Mejju 2006; jieħu nota ta' l-aħħar aġġornament tal-Kummissjoni tal-Programm Finanzjarju għall-2007-2013 fl-ittra tagħha tas-26 ta' Jannar 2007, skond il-punt 46 tat-IIA; jinnota li l-marġini ppjanati disponibbli għal impenji addizzjonali għall-baġit 2008 huma limitati ħafna f' bosta intestaturi u sotto-intestaturi ta' l-MFF;

14. Fir-rigward tal-proġetti pilota u l-azzjonijiet preparatorji għall-proċedura tal-baġit għall-2008, ifakkar li skond l-Anness II, Parti D, tat-IIA “*kull id ta’ l-awtorità baġitarja ser tinforma lill-Kummissjoni sa nofs Ġunju bl-intenzjonijiet tagħha*”; jesprimi t-tħassib tiegħu li f’xi intestaturi u sotto-intestaturi tal-baġit jista’ ma jkunx hemm biżżejjed marġini disponibbli għall-proġetti pilota u azzjonijiet preparatorji ġodda ewlenin;
15. Jinnota bi tħassib il-bidliet li qed tipproponi l-Kummissjoni għall-ipprogrammar finanzjarju f’Taqsimha III ta’ l-APS ta’ l-2008 speċjalment il-ħolqien ta’ fondi ġodda; jiddisputa li proposti bħal dawn għandhom ikunu neċessarji f’inqas minn xahar wara l-aġġornament l-aktar reċenti ta’ l-ipprogrammar finanzjarju; jistenna li l-Kummissjoni tippreżenta dawn il-proposti matul il-PDB għall-2008 u l-Ipprogrammar Finanzjarju li jmiss, speċjalment jekk dawn ikunu jimplikaw bidla lill-MFF;
16. Jesprimi t-tħassib tiegħu dwar il-back-loading propost ta’ ċertu programm fl-APS ta’ l-2008 u l-problemi li dan jista’ jakkumula għas-snin li ġejjin ta’ l-MFF b’kunsiderazzjoni għall-problema li jiżdiedu r-RALs; jinnota wkoll li fil-baġit għall-2007, għall-oqsma tiegħu ta’ prijorità, il-Parlament adotta livelli ta’ impenn oġġla mil-livell ta’ impenn medju previst fil-pakketti tal-programm plurijennali għal numru ta’ programmi; josserva li xi livell ta’ koperazzjoni interistituzzjonali rigward front- u back-loading ta’ impenji fil-baġit jista’ jkun neċessarju biex jiġi żgurat ipprogrammar koerenti ta’ impenji sakemm idum l-MFF;

### ***Punti Speċifiċi***

17. Jappoġġja l-intenzjoni tal-Kummissjoni biex tinkludi l-kunċett ta’ Regolamentazzjoni Aħjar fl-inizjattivi, fir-riformi u fil-metodi ta’ ħidmiet ġodda kollha;
18. Jieħu nota tal-“backloading” propost mill-Kummissjoni għal ħafna mill-programmi l-ġodda taħt l-intestatura 1a; madankollu jesprimi t-tħassib tiegħu li l-ħolqien ta’ aġenziji eżekuttivi ġodda u kwalunkwe korp ieħor skond l-Artikolu 185 tar-Regolament Finanzjarju hu li jitnaqqas l-ammont ġenerali disponibbli għall-programmi taħt l-intestatura 1a, li l-iffinanzjar tiegħu huwa essenzjali biex jintlaħħqu l-Għanijiet ta’ Liżbona;
19. Jieħu nota li l-Kummissjoni qed tipproponi li tnaqqas il-marġini għall-intestatura 2 b’żewġ miljun Euro (EUR 2 miljuni) sabiex tkopri attivitajiet addizzjonali ta’ l-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent (EEA); jinnota wkoll l-intenzjoni tal-Kummissjoni taħt l-intestatura 3a li żżid l-appropriazzjonijiet għall-Frontex b’EUR 10 900 000 fl-2008 u li tinforza l-iffinanzjar għall-EUROJUST b’żieda ta’ EUR 2 500 000 kull sena għall-perjodu mill-2008 sa l-2013; ifakkar lill-Kummissjoni li dawn iż-żidiet kollha trid taqbel magħhom l-Awtorità Baġitarja fi ħdan il-qafas tal-proċedura annwali tal-baġit;
20. Jikkunsidra li l-għan prinċipali tal-politika għall-komunikazzjoni u l-informazzjoni hu li tinforma liċ-ċittadini ta’ l-UE dwar l-azzjonijiet u l-programmi li twettaq l-UE u t-titjib iġġenerat matul l-aħħar snin; hu ta’ l-opinjoni li l-kampanja għal prijoritajiet politiċi għandha tiġi definita fi stadju aktar tard tal-proċedura baġitarja meta l-prijoritajiet tal-Parlament isiru magħrufa u jkun ffukati fuq xi oqsma tal-politika li jiġu identifikati meta jsir l-ewwel qari;

21. Jinnota l-Prijoritajiet ta' Komunikazzjoni tal-Kummissjoni għall-2008 li mhux ser jibdlu l-ipprogramar finanzjarju għall-intestatura 3b;
22. Iħaddan b'mod wiesa' l-għanijiet għal azzjonijiet esterni kif stipulati fl-APS, li ġew żviluppatti fuq bażi ta' kontinwità, u li ser jiġu implimentati, għat-tieni sena, permezz ta' sett ġdid ta' strumenti esterni ta' l-UE adottati fl-2006; jagħmel ħafna enfasi fuq implimentazzjoni effettiva fi ħdan dan l-qafas u appella diġà għall-ewwel evalwazzjoni tat-tnedija tagħha fl-ewwel nofs ta' l-2007;
23. Jinnota l-kunċett tal-Kummissjoni ta' "*projezzjoni esterna ta' prijoritajiet*", bħall-Fond għall-Effiċjenza Globali ta' l-Enerġija u għall-Enerġija li Tiġġedded (Global Energy Efficiency Renewable Energy Fund – GEEREF) jew l-Alleanza tal-Politika Globali dwar il-Klima (Global Climate Policy Alliance), u l-fatt li dawn il-prijoritajiet ġodda fl-intestatura 4 jidher li għandhom bżonn rinfurzar ta' EUR 23 100 000 fl-2008; madankollu, jinsisti fuq ċarezza rigward l-oriġini ta' l-iffinanzjar propost għal kull azzjoni;
24. Jinnota li l-marġini ta' previżjoni ġenerali għall-intestatura 4 hu ta' EUR 334 miljun sabiex jippermetti rispons adegwat għal bżonnijiet futuri bħar-riżultati tan-negozjati dwar l-istejtus finali tal-Kosovo, u l-proċess ta' paċi fil-Lvant Nofsani; jenfasizza bil-qawwa li dan l-marġini ta' EUR 334 miljun hu fil-fatt artifiċjalment għoli peress li fih EUR 200 miljun li oriġinarjament kienu maħsuba għall-Fond ta' Garanzija għal self, li issa, għal raġunijiet tranżizzjonali, hemm bżonn li jkunu disponibbli biss mill-2009; għalhekk jenfasizza li EUR 200 miljun oħra jkunu disponibbli fl-2008 fuq bażi eċċezzjonali u jappella għal attenzjoni sabiex dawn ma jiġux allokati awtomatikament għal bżonnijiet fuq żmien itwal li imbagħad mhux neċessarjament ikunu jistgħu jiġu ffinanzjati fi snin ta' wara;
25. Jinnota l-attenzjoni miżjuda fl-APS biex jintrabtu l-għanijiet esterni ma' dawk interni, u l-użu tal-frażi "*koerenza sħiħa*"; hu tal-parir li din il-kwistjoni jixirqilha aktar analiżi u spjegazzjoni mill-Kummissjoni, speċjalment meta waħda mill-kritiki ewlenin tal-politika ta' l-UE fil-passat kienet nuqqas allegat ta' koerenza bejn politiki esterni u interni; jirimarka wkoll l-importanza ta' demokrazija u bidla pożittiva fil-pajjiżi u fir-reġjuni sħab;
26. Jikkunsidra li s-sitwazzjoni li qed tevolvi b'mod mgħaġġel fil-qasam tas-CFSP jixirqilha skrutinju u koperazzjoni kontinwa bejn l-istituzzjonijiet; f'dan ir-rigward jirimarka l-importanza li jorbot mat-twettiq sħiħ tad-dispożizzjonijiet tas-CFSP fit-IIA tas-17 ta' Mejju 2006 u l-għodod provduti fih; jikkunsidra li l-politika barranija u r-riżorsi finanzjarji marbuta magħha li hemm bżonn, jistgħu jiġu biss assessjati kif suppost ladarba l-Kunsill ikun ikkonsulta lill-Parlament sal-15 ta' Ġunju 2007, dwar l-aspetti prinċipali u l-għażliet bażiċi tas-CFSP;
27. Jinnota l-proposta tal-Kummissjoni għall-allokkazzjoni tar-riżorsi umani fl-2008, li tinkludi 890 post ġdid relatati ma' tkabbir riċenti; ifakkar li l-2008 hi s-sena finali tal-pjan tar-riżorsi umani relatat mat-tkabbir ta' l-2004, skond liema pian 640 post ieħor kienu mitluba għall-2008; ifakkar ukoll li għall-2008 huma mitluba 250 post ġdid wara t-tkabbir tal-Bulgarija u tar-Rumanija, b'talba simili mistennija fl-2009; jinnota li

50% biss tal-postijiet addizzjonali għall-2008 ser jiġu allokat i għall-estensjoni ta' attivitajiet minħabba tkabbir riċenti; jikkunsidra li r-reviżjoni ta' nofs it-term tal-Kummissjoni tar-riżorsi umani għandha tkun fuq l-istess linji ta' l-istrateġija għal Regolamentazzjoni Aħjar li bdiet fl-2006;

28. Jilqa' b' sodisfazzjon il-prinċipju ta' organizzazzjoni mill-ġdid ta' l-istaff skond il-prijoritajiet politiċi imma jikkunsidra li r-rata ta' organizzazzjoni mill-ġdid għandha tkun aktar ambizzjuża minn 1%; ifakkar li din l-organizzazzjoni mill-ġdid trid tikkunsidra bi sħiħ il-prijoritajiet identifikati mill-Parlament; jinnota l-organizzazzjoni mill-ġdid proposta mill-Kummissjoni ta' 565 membru ta' l-istaff, b'287 organizzati mill-ġdid bejn dipartimenti u 278 organizzati mill-ġdid fid-dipartimenti; jitlob lill-Kummissjoni biex tforni iktar informazzjoni dettaljata fil-PDB rigward l-organizzazzjoni mill-ġdid ta' staff sabiex l-Parlament ikollu l-informazzjoni neċessarja biex jevalwa jekk il-mira ta' 1% għall-organizzazzjoni mill-ġdid ser tintlaħaq bi sħiħ fl-2008; jikkunsidra li l-ħolqien ta' sett ċentrali għall-organizzazzjoni mill-ġdid għandu jkun skond il-prinċipju tas-simplifikazzjoni amministrattiva u għandu jevita piżijiet amministrattivi bla bżonn.

o

o o

29. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din ir-risoluzzjoni lill-Kunsill, lill-Kummissjoni u lill-Qorti Ewropea ta' l-Awdituri.